MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2010

Numru 1313/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Felix Kwasi Bru**

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Felix Kwasi Bru ta' ghoxrin (20) sena, iben Paul u Maria mwieled Ivory Coast fl-1 ta' Novembru 1990, dententur tan-Numru tal-Pulizija 08EE-063, talli: fil-31 ta' Jannar 2009 u z-zmien ta' wara f'Malta, ikkommetta harba mill-post tal-kustodja meta kien detenut fil-Barracks ta' l-armata ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 151 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u talli f'Marzu 2010 u x-xhur ta' wara, f'dawn il-gzejjer imbarka minn Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali

ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill- imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wera ruhu ddispjacut ta’ l-agir tieghu;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 151 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 17(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hmistax-il (15) xahar habs (ossia sena u tlett xhur) izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi hemm lok li tinghata sentenza sospiza, a tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissospendi t-terminu ta’ hmistax-il (15) xahar habs ghal erba’ (4) snin b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------